**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : XLIX**
**Appell Nru: 267/2000**

**Il-Pulizija (Spettur Alexander Miruzzi)**

**Vs**

**JOSEPH ZAMMIT**

**Illum, 16 ta'Mejju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi migjuba kontra Joseph Zammit talli fl-14 ta'Settembru, 2000, ghal habta tas-7.15 p.m., fl-inhawi tas-Salib ta' l-Gholja, limiti tas-Siggiewi, kien fil-pussess ta'arma tan-nar, senter, numru 484789, u spara u qatel Baghadan li hija tajra protetta skond l-iskeda (1) (2) u (3) ta' l-A.L. 146/93.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fid-29 ta'Novembru, 2000, li biha sabet lill-Joseph Zammit hati skond dawn l-akkuzi, u kkundannatu ghall-Hames Mitt Lira Maltin (Lm500) Multa, kif ukoll ordnat il-konfiska tas-senter numru 484789, u ssospendietu milli jkollu jew li jikseb kull licenzja ghall-kacca ghall-perijodu ta' tlett snin ai termini ta' l-Artikoli 23 u 30 rispettivament.
Rat ir-rikors ta' l-appell ta'Joseph Zammit datat 4 ta'Dicembru, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, dan billi ma ssibux hati ta' l-akkuzi dedotti kontrih, tilliberah minnhom u minn kull htija w piena.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-aggravju ta' l-appellant huwa li l-prosekuzzjoni ma pprovatx sal-grad rikjest mil-ligi li, ghalkemm l-appellant kien instab fil-pussess ta'ghasfur mejjet 'Baghadan', kien hu li spara w qatel dak l-ghasfur li huwa wiehed protett u ma jistghax jigi kkaccjat.

Ghalhekk din hija kwistjoni purament ta' apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti, u li reghhet ghamlet din il-Qorti, wara li semghet lix-xhieda mill-

gdid sabiex tara jekk dak l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti kienx wiehed tajjeb, maghmul skond il-ligi u li in bazi tieghu dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal sabiex issib lill-appellant hati ta' l-akkuza dedotta kontrih.

Minn dak li setghet tikkonstata din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghaliex ghandha b'xi mod tvarja d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi li kienet ghamlet u li tirrimpjazzah b'dak li ghamlet din il-Qorti. L-ewwel Qorti qieset u analizzat il-provi kollha u dehrilha li kellha tadotta l-verzjoni tal-prosekuzzjoni. Kienet moralment konvinta minn din il-verzjoni in bazi tal-provi li semghet. Aktar minn hekk din il-Qorti thoss li m'ghandhiex tghid.

Ghalhekk l-aggravju ta' l-appellant qed jigi respint, l-appell tieghu huwa michud u s-sentenza appellata hija konfermata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur